**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 28 ta' Marzu 2001.**

**Avviz Nru: 820/99**

**Joseph u Victor Aquilina ghan-nom ta' l-azienda kummercjali Tokyo Japan Engine Dealers**

**Vs**

**Charles Camilleri**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi nomine talbu il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u disgha u sebghin lira Maltin u hamsin centezmi (Lm379.50) rapprezentanti l-prezz ta' magna ta' vettura tal-marka Toyota 2C lilu mibjugha u debitament konsenjata kif jirrizulta minn invoice hawn annessa u mmarkata Dok. A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-3 ta' Mejju, 1999, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-4 ta' Marzu, 1999, kontra l-konvenut li ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Charles Camilleri fejn espona bir-rispett:

1. Illi preliminarjament huwa ma hux il-legittimu kontradittur ta' l-atturi nomine stante illi huwa qatt ma xtara xi magna tal-marka Toyota 2C kif indikat fl-avviz fl-ismijiet aktar 'l fuq precitati u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost , l-ewwel magna u cioe dik indikata fl-avviz aktar 'l fuq precitat, li giet mixtrija minghand l-atturi nomine minn Charles Camilleri ezercjenti l-kummerc taht l-isem ta' Greenlands kienet difettuza tant illi anke wara li gew mibdula diversi partijiet minnha, ghal-liema partijiet il-konvenut ser jitlob li jigi ndemnizat permezz tat-talba rikonvenzjonali aktar l-isfel, din baqghet difettuza tant illi volontarjament l-atturi nomine biddlu l-istess ma' magna gdida li effetivament kienet a sodisfazzjoni tal-konvenut nomine.

3. Illi l-magna li qieghed issir talba ghall-hlas taghha ghadha fil-pussess tal-konvenut nomine u kif l-atturi nomine kemm il-darba gew mitluba li jaghmlu, jistghu jaccedu u jiehdu l-istess ghal-liema raguni l-konvenut nomine m'ghandu jhallas l-ebda spejjes in konnessjoni ma' din il-kawza stante illi din il-kawza giet intavolata bl-aktar mod kapricuz u in segwitu ta' ittra ufficjali fejn huwa talab li jigi rimborzat ta' l-ispejjez minnu nkorsi u sabiex l-atturi nomine jaccedu halli jittrasferixxu t-tieni magna minnu akkwistata f'ismu.

Rat il-kontrotalba tal-konvenut Charles Camilleri fejn talab illi:

1. L-konvenut jigi kkundannat illi jhallas is-somma ta' mija u ghoxrin lira (Lm120) rapprezentanti spare parts mixtrija in konnessjoni u ghar-riparazzjoni tal-istess magna tat-tip Toyota 2C akkwistata minghand l-attur nomine liema magna rrizultat li ma kinitx tal-kwalita'patwita u sahansitra izda giet mibdula ma' ohra.

2. Sabiex il-konvenut jigi kkundannat li jersaq quddiem dawk l-awtoritajiet kompetenti sabiex jeffettwa t-trasferiment necessarju tat-tieni magna minnu mibjugha u trasferita lill-konvenut nomine moghtija in sostituzzjoni ghall-ewwel wahda.

3. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja ta' April 1999 u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-4 ta' Marzu 1998 kontra l-atturi nomine u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni ohra inkluzi dawk ta' danni li ghad jirrizultaw in konsegwenza ta' nuqqas ta' trasferiment. u registrazzjoni f'isem il-konvenut nomine mill-Awtoritajiet kompetenti u bl-ingunzjoni tal-attur nomine in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontrotalba tal-konvenut fejn eccepixxa bir-rispett:

1. Illi, preliminarjament, la l-konvenut eccepixxa li m'huwiex il-legittimu kontradittur fil-konfront tat-talba attrici, il-kontrotalba tieghu ma tistax tirnexxi stante illi l-artikolu 400 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi l-konvenut ma jistax jipproponi l-kontro-talba tieghu f'kwalita' differenti.

2. Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju, it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonanti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi l-atturi nomine kienu bieghu l-ewwel magna lill-konvenut tale quale u cioe' bl-intiza cara li l-istess magna kellha bzonn tiswija estensiva liema fatt kien rifless fil-prezz tal-bejgh ridott ta' l-istess magna u liema kondizzjoni l-mandatarju tal-konvenut accetta kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi, sussegwentement, l-atturi noe accettaw li jbidlu l-ewwel magna ma' ohra gdida bil-patt li l-konvenut jirrestitwixxi l-ewwel magna fil-kondizzjoni originali u jhallas id-differenza fil-prezz. Illi minkejja li l-konvenut accetta dawn il-kondizzjonijiet u giet konsenjata lilu t-tieni magna ma zammx mal-pattijiet mifthema.

4. Illi jigi precizat li l-ammont mitlub fl-avviz hu l-prezz tat-tieni magna debitament konsenjata lill-konvenut izda mhux imhallsa minnu u mhux ta' l-ewwel magna kif erronjament indikat fl-eccezzjonijiet tal-konvenut.

5. Illi l-atturi nomine kienu dejjem lesti jersqu ghat-transfer tat-tieni magna purche l-konvenut izomm mal-pattijiet ghal liema raguni l-atturi nomine m'ghandhomx ibaghtu ebda spejjez in konnessjoni mal-kontro-talba tal-konvenut.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.]

Rat il-verbal tal-lum stess fejn l-attur talab li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikolu 199 tal-Kap 12 qieghda tilqa' t-talba tal-atturi u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju ghal dak li jirrigwarda l-kontro talba maghmula mill-konvenut. Filwaqt illi tikkundanna wkoll lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza.

**S.Farrugia**
**Dep/Reg** **Magistrat**

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 28 ta' Marzu 2001.**

**Avviz Nru: 727/00**
**V.J. Salamone (Trading) Ltd**

**Vs**

**Carmelina Borg**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuta ghas-somma ta' sitt mija u sittax -il Liri Maltin u sittin centezmi u hames millezmi (Lm616.60c5) prezz ta' merci lilha mibjugha u kkonsenjati skond il-kont hawn anness u mmarkat Dokument `A'.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-1 ta' Marzu 2000 u bl-imghaxijiet legali mis-16 ta' Gunju 1998. Il-konvenuta ngunta biex minna issa tidher ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 t'Ottubru 2000 fejn Dr. Paul Farrugia ghall-konvenuta deher fl-udjenza u kkontesta t-talba izda ghalkemm iddikjara li kien ser jipprezenta l-eccezzjonijiet formali fi zmien hmistax-il gurnata minn dak inhar huwa baqa' ma pprezentax l-eccezzjonijiet formali.

Semghet il-provi konsistenti esklusivament fil-komposizzjoni ta' Vanessa Salamone ghall-kumpanija attrici. Il-konvenuta baqghet ma gabet ebda provi.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll id-dokument esebiti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' sitt mija u sittax-il liri Maltin u sittin centezmu u hames millezmi (Lm616.60c5) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghax legali mis-16 ta' Gunju 1998.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg